MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 1117/1995/1

**Anthony Fenech ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Francesco Fenech Ltd.**
**Vs**
**Mark Cini u Alfred Ellul ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Steel Structures Co.Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta u talab hekk:

Peress li bi skrittura datata 9 ta' Lulju 1991 (Dok. A) il-konvenuti nomine obbligaw ruhhom illi jezmantellaw, jittrasportaw u jergghu jarmaw Gantry Crane Tango 72 li kienet qeda Laboratory Wharf Marsa ghal fabbrika tal-istanti l-Mosta bil-prezzijiet indikati fl-istess kuntratt; illi din l-operazzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta kellha tinbeda fit-12 ta' Awissu 1991 u kompletata fit-30 ta' Settembru 1991; illi nonostante d-diversi talbiet u protesti

biex il-konvenuti nomine jadempixxu l-obbligazzjonijiet minnhom kuntrattati huma baqghu ma ghamlu xejn tant li l-eponent kellu jqabbad socjeta ohra biex taghmel din l-operazzjoni; illi bhala rizultat ta’ dan l-agir abusiv u illegali tal-konvenuti l-istanti sofra danni konsistenti fil-hlas ta’ Lm5000 aktar mill-prezz pattwit mal-konvenuti nomine.

Jghidu l-konvenuti nomine ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:-

1. tiddikjara illi s-socjeta konvenuta naqset tadempixxi l-obbligazzjonijiet minnha assunti fil-kuntratt tad-9 ta’ Lulju 1991 biex tismantella, tittrasporta u terga’ timmonta Gantry Crane Tango 72 sat-30 ta’ Settembru 1991;

2. tiddikjara lill-istess socjeta konvenuta responsabbli tad-danni sofferti mill-attur nomine minhabba l-inadempjenza kuntrattwali fuq imsemmija;
3. tikkundanna lill-istess socjeta’ thallas is-somma ta’ hamest elef lira flus maltin (Lm5000) jew somma verjuri in linea ta’ danni sofferti mis-socjeta’ attrici ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjez inkluzi z-zewg protesti gudizjarji datati 12 ta’ Awissu 1991 u 20 ta’ Settembru 1991.

Il-konvenuti huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine li biha eccepew:

1. Illi, fl-ewwel lok, fiz-zmien illi fih allegatament inkiser il-ftehim li jinghad li sar bejn il-partijiet kontendenti s-socjeta’ attrici messha skond il-ligi pprocediet gudizzjarjament biex tottjeni r-rexissjoni ta’ l-istess ftehim ghall-iskop li tkun fil-posizzjoni li tiftiehem ma’ haddiehor; u billi dan baqa’ ma sar qatt da parti tas-socjeta’ attrici, it-talbiet taghha odjerni huma nsostenibbli skond il-ligi.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, kienet kundizzjoni espressa tal-ftehim li verament gie raggunt bejn il-partijiet illi l-“crane” involut jinsab li jkun “in good

working order", kundizzjoni li bhala fatt ma vverifikatx ruhha; u ghalhekk ukoll it-talbiet attrici m'humiex sostenibbli skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat ir-rapport kongunt tal-periti gudizzjarji l-Avukat Dottor Anthony Ellul u l-Inginier Civili Paul Cardona minnhom debitament mahluf;[1]
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi fit-30 ta' Mejju 1991 l-attur nomine kien gie moghti tender[2] mid-Direttur tal-Portijiet sabiex jismantella u jirrimwovi Liebherr Gantry Crane minn Laboratory Wharf il-Marsa that il-kondizzjonijiet indikati fl-istess tender, fosthom li x-xoghol jigi kompletat fi zmien sittin gurnata mill-imsemmija data that penali ta' Lm100 ghal kull gurnata ta' dewmien.

Illi permezz ta' skrittura[3] datata 9 ta' Lulju 1991 l-attur nomine kkuntratta mas-socjeta' konvenuta sabiex din tesegwixxi l-operazzjoni imsemmija u li kellha tigi kompletata sat-30 ta' Settembru 1991.

Illi b' ittra datata 8 ta' Awissu 1991[4] il-konvenuti nomine informaw lill-attur li "we cannot carry out the work in the manner agreed on and as a result we consider ouselves not bound any more by our agreement" u r-raguni moghtija kienet l-kondizzjoni tal-crane in kwistjoni u li skond huma "amongst other things it was agreed that this crane was to be in good working order when we were due to start as this was <u>essential</u> to our operations."[5]

---

[1] Fol.99 *et seq.*
[2] Fols.8-9
[3] Fol.7
[4] Fol.11
[5] Ibid.

Illi fil-frattempt id-Direttur tal-Portijiet kien qed jaghmel pressjoni fuq is-socjeta' attrici sabiex dina tadempixxi l-obbligi taghha skond it-tender fuq indikat, u dan kif jirrizulta mid-diversi ittri mibghuta li f' uhud minnhom ingibdet l-attenzjoni tal-attur nomine ghall-klawsola tal-penali, ghad-danni konsegwenzjali l-inadempiment tal-appalt, kif ukoll li s-socjeta' attrici ser tkun blacklisted f' tenders governattivi.[6]

Rizultat tan-nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta u in vista tal-pressjoni mahgmula mid-Direttur tal-Portijiet senjatament tenut kont tal-obbligu tal-hlas tal-penali, is-socjeta' attrici kellha tinkariga appaltaturi ohrajn sabiex jesegwixxu l-imsemmi xoghol, bir-rizultat li hallset Lm5,000 izjed minn dak miftiehem mas-socjeta' konvenuta.

It-tesi principali tal-konvenuti hija fis-sens li skond il-ftehim li kellhom mal-attur nomine ghall-izmantellar tal-crane, kien hemm il-kondizzjoni li dan ikun in good working order b' mod li setgha jigi operat u ghalhekk seta' jizmantella lilu nnifsu minghajr il-htiega ta' cranes kbar ghal dan l-iskop. Skond il-konvenuti, qabel ma giet iffirmata l-iskrittura tat-9 ta' Lulju 1991 kien sar ftehim verbali f' dan is-sens, liema fattur ossia kundizzjoni, kellha relevanza qawwija fid-determinazzjoni tal-prezz tal-appalt.

Fid-deposizzjoni tieghu Alfred Ellul qal: "Toni Fenech [l-attur] qalilna li l-crane kien ikkondizzjonat tajjeb hafna u ghandu kapacita' lill jmajna/inizzel il-boom bis-sahha tal-crane stess. Qalilha li kellu electrical u mechanical power."[7] L-konvenut Mark Cini qal: "Ahna ghamilna premura li ma konniex armati biex inzarmawh jekk il-boom tieghu ma jinzilx bil-makkinarju tieghu. Dak iz-zmien ma kellna ebda suspett li l-boom ma jinzilx wahdu."[8] Ghal din l-okkazzjoni, meta sar il-ftehim verbalment, kien hemm prezenti wkoll "il-hin kollu"[9] il-Perit Carmelo Busuttili li huwa konsulent taz-zewg kumpaniji. Sussegwentement

[6] Korrispondenza datata: 16.07.1991, 12.08.1991, 21.08.1991, 3.09.1991 u 17.09.1991
[7] Fol.49
[8] Fol.58 *tergo*
[9] Alfred Ellul fol.50

il-ftehim bejn iz-zewg kontendenti gie inkorporat fi skrittura.

Illi l-konvenuti jsostnu li meta, wara l-iffirmar tal-iskrittura, marru fuq il-post u ezaminaw il-crane sabu li dina ma kienitx fil-posizzjoni li tiffunzjona u ghalhekk il-crane ma setghax jizzarma on its own steam, izda kien jehtieg l-impieg ta' crane kbir. Huma jsostnu li din is-sitwazzjoni kienet kontra l-ftehim li kellhom mal-attur nomine u ghalhekk deherilhom li ma kienux aktar marbutin ma' dan il-ftehim.

L-attur minn naha tieghu jisostni li dak li eventwalment ftehemu fuqu z-zewg partijiet u li dwaru kien hemm l-*idem placitum consensus* kien imnizzel fl-iskrittura, u li l-obbligi kemm tieghu kif ukoll dawk tal-konvenuti huma biss dawk naxxenti minn din l-iskrittura u fit-termini tal-istess. Irrileva li minn imkien minn din l-iskrittura, la direttament u lanqas indirettament, ma tirrizulta l-kondizzjoni pretiza mill-konvenuti li l-crane kien f' kundizzjoni li jzarma lilu nnifsu jew kien tat-tip li jizzarma wahdu.

Illi dwar dan il-fattur l-espert tekniku l-Inginier Paul Cardona fid-deposizzjoni tieghu kkonferma li l-fatt li l-crane kien kapaci jzarma lilu nnifsu kien fattur determinanti ghad-determinazzjoni tal-prezz tax-xoghol. "Hija xi haga importanti hafna [ghal finijet tal-kwantum tal-prezz]."[10]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

In tema legali jigi osservat li l-kuntratt huwa konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn minn nies jew izjed, illi bih tigi maghmula, regolata jew mahlula obbligazzjoni [Art.960]. Kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom [Art.992] u jorbtu lill-istess fit-termini taghhom. Il-kuntratti ghandhom jigu esegiwiti bil-bona fede.[Art.993]. "Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li [ghandha] tipprevali u trid tigi

---

[10] Eskussjoni 25 ta' mejju 2004 – fol.117

osservata. *Pacta sunt servanda." [App.Civ. Gloria Beacom et vs L-Arkitett Anthony Spiteri Staines deciza 5 ta' Ottubru 1998; App.S. Vittoria Sciberras vs Sr.Adelaide Gauci – 29.10.2004].*

Konformament ma' dan, hija r-regola tradizzjonali u gurisprudenzjali li mhumiex ammessi provi testimonjali sabiex jigi stabbilit dak li mhux indikat fil-kuntratt. Gie osservat li min ghandu favur tieghu l-miktub ghandu prezunzjoni ta' prova favur tieghu bil-konsegwenza [1] illi l-piz tal-prova kuntrarja jirriversa ruhu fuq il-kontroparti u [2] li fil-kaz ta' perplessita' u dubbju rizultanti mill-provi, dina ghandha tirrizolvi ruhha favur l-assunt rizultanti mill-miktub. Il-prezunzjoni hija kwindi kuntrarja ghall-parti li tallega l-patt verbali oltre l-iskrittura *ghaliex "e' regola che nessun patto non compreso in una scrittura debba presumersi conchiuso tra le parti"[Q.Kum. Frendo vs Gordon Hall deciza 6 ta' Marzu 1907]*. Il-presunzjoni hija anke kuntrarja ghax jekk konvenzjoni ma tigix kompriza fl-iskritt, hemm il-presunzjoni li ma saritx jew almenu li l-partijiet abbanundawha *[PA Zammit vs Calleja deciza 2 ta' Mejju 1870][PA. Spiridione Mizzi vs Giuseppe Saliba [1936][Vol.XXIX.ii.1090].*

Izda, kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza *Carmelo Morana vs Nutar Dr.Joseph Spiteri*[11] *deciza 26 ta' Mejju 1952 [Vol.XXXVI.I.120]*, ir-regola *contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur* mhix assoluta u ssofri eccezzjonijiet f' certi kazijiet. "F' dawn il-kazijiet il-principji bazati fuq il-gustizzja u l-ekwita' ghandhom ikunu supremi". Il-kazijiet li fihom, skond il-gurisprudenza nostrana, jistghu jigi ammessi provi orali kontra l-prova miktuba, huma "meta l-prova tigi offerta biex tigi mfissra ahjar l-intenzjoni tal-kontraenti li tkun espressa b' mod <u>ambigwu jew oskur</u>, jew meta jrid jigi pruvat xi <u>fatt incidentali jew accessorju</u> li jkun konciljabbli ma' l-att" jew "biex jigu delucidati punti oskuri ta' kitba jew f' kazi ta' impunjazzjoni ta' dik il-kitba, izda l-provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga' car." L-imsemmi Onorabbli Qorti osservat ukoll li

---

[11] vide kazistika citata – sottolinear ta' din il-Qorti.

"Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejniethom ghandu jigi prezunt li dak li riedu jifthemu fuqu nizzluh f' dik l-iskrittura. Ghalhekk ma ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti jdahhal f' dak il-ftehim klawsoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qeghdin iffissru jew jiccaraw il-klawsoli principali."

Fil-meritu huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi l-ftehim raggjunt bejn il-partijiet u tradott in iscriptum fid-9 ta' Lulju 1991 huwa car u ma jikkontjenix klawsoli li jaghtu lok ghal ambigwita' jew dubju jew huma redatti f' termini oskuri. Il-ftehim jikkontjeni l-oggett tal-appalt, il-prezz ghax-xoghol involut u d-data tal-bidu u tat-tmiem tal-operazzjoni; u meta "l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni" [Art.1002]. Ghalhekk f' dan il-kaz ma hemmx lok ghal interpretazzjoni.

[2] Illi l-Artikolu 1003 jiddisponi li "Meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma dak li kellhom fi hsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher car mill-pattijiet kollha mehudin flimkien, ghandha tghodd l-intenzjoni tal-partijiet." Jigi osservat li f' dan il-kaz ma hemm xejn x' jindika "mill-pattijiet kollha mehudin flimkien" li l-intenzjoni tal-partijiet kienet diversa minn kif espressa fil-kuntratt, la direttament u lanqas indirettament. L-allegazzjoni da parti tal-konvenuti li l-ftehiem kellu bhala kondizzjoni essenzjali li l-crane ikun f' kondizzjoni li jzarma lilu nnifsu ma ssibx konfort minn ebda parti tal-iskrittura.

F' dan ir-rigward, il-partijiet fissru l-hsieb taghhom bit-terminu "Dismantling"[12] xejn izjed u xejn anqas, u ghalhekk mhux lecitu li jizdiedu kundizzjonijiet li ma johorgux minn din l-iskrittura. L-Artikolu 1010 jiddisponi li "Ghalkemm il-kliem li bihom tkun imfissra l-konvenjzoni jkunu generali, fil-konvenzjoni ma jidhlux hlief il-hwejjeg li fuqhom ikun jidher li l-partijiet kellhom il-hsieb li

[12] Fol.7

jkkuntrattaw."[13] Jigi osservat li fil-kazijiet fejn il-konvenjzoni ikun giet inkorporata fi skrittura jew kuntratt, dak li jorbot lill-partijiet mhux id-diskors li jkun sar waqt in-negozjati jew trattattivi, izda dak li l-partijiet ikunu espressament nizzlu fil-ftehim bil-miktub, u l-istess ftehim ghandu jitqies bhala l-prova ta' dawk fatturi u kondizzjonijiet li fuqhom hemm l-*idem pacitum consensus* li johloq il-vinkolu legali bejn il-kontraenti. Dan huwa r-ratio juris tal-massima *contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur*.

[3] Illi l-kundizzjoni pretiza mill-konvenuti ma tinkwadrax ruhha f' wahda mid-derogi ghal dan il-principju. Din ma tistax tigi konsidrata bhala ta' natura incidentali jew accessorju ghal xi wahda mill-klawsoli kontenuti fl-iskrittura in disamina. Ghal kuntrarju, fit-termini tal-ittra mibghuta mill-konvenuti, l-fatt li l-crane kellu jkun in good working order kien "essential to our operations."[14] Kif fuq gia indikat, il-konvenut Mark Cini jghid li huma kienu ghamlu "premura li ma konniex armati biex inzarmawh jekk il-boom tieghu ma jinzilx bil-makkinarju tieghu." Kien fattur li kellu relevanza determinanti fil-fissazzjoni tal-prezz. Id-domanda li timponi ruhha f' dan il-kuntest hija: jekk din il-kondizzjoni kienet daqshekk importanti u "essential to our operations" u jekk verament kien hemm qbil fuqha, x' kienet ir-raguni li thalliet barra mill-ftehim bil-miktub?

Il-Qorti tosserva li l-fatt li l-konvenuti setghu assumew li l-crane kien f' kondizzjoni tajba meta ffirmaw il-konvenzjoni, u li dawna hadu riskju meta ffirmaw minghajr ma kienu ghadhom ezaminaw il-crane u l-kondizzjoni tieghu, ghalkemm dan il-fatt ghandu jghabbi lill-konvenuti bil-konsegwenzi tieghu, izda zgur ma ghandux jghabbi lill-attur nomine li ma ffirmax ghal tali kondizzjoni. Kif tajjeb sottomess fir-relazzjoni peritali: "Is-socjeta' konvenuta messha ghamlet il-verifiki qabel ma ffirmat il-ftehim. Mill-provi rrizulta li din ma kienitx l-ewwel darba li, 'ghalkemm ma nkunux rajna x-xoghol naghtu stima u niffirmaw il-

[13] Sottolinear ta' din il-Qorti
[14] Ittra 8 ta' Awissu 1991 [supra]

ftehim' [xhieda Alfred Ellul fol.52]"[15] ghaldaqstant, imputet sibi.

Fattur iehor li jimmilita kontra t-tesi konvenuta jemani mill-fatt li, ghalkemm il-Perit Carmel Busuttil kien prezenti "l-hin kollu", dana fix-xhieda tieghu jghid: "Fil-presenza tieghi ma niftakarx li sar kliem bejn il-partijiet dwar il-working condition ta' dan il-crane"[16] Din il-parti tad-disposizzjoni ta' dan ix-xhud, prodott mill-konvenuti, tkompli ddghajjef l-allegazzjoni tal-konvenuti li partijiet kienu ftehemu fuq il-working condition tal-crane fis-sens li dan seta jizarma lilu nnifsu. Hija floka l-assunzjoni li kieku verament kien sar ftehim quddiem il-perit f' dan is-sens, fuq fattur daqshekk importanti u essenzjali, il-probabbilita' kbira kienet li l-perit kien jiftakar dan id-diskors.

[4] Fattur iehor li jkompli jdghajjef il-kaz tal-konvenuti jemani wkoll mix-xhieda tal-imsemmi perit li kien ghamel spezzjoni ta' parti tal-crane, fuq inkariku tal-attur, biex "naghtih parir dwar l-uzu li seta' jsib ghall-crane."[17] Dan xehed li, ghalkemm ma setax jghid jekk il-crane kienx in working condition, " minn dak li rajt il-crane kien jinstab f' kondizzjoni tajba jigifieri ma kienx jidher li hu merri." Jghid wkoll li, ghalkemm kien gie inkarigat mid-ditta Salvu Bezzina & Sons biex jissorvelja z-zarmar tal-crane, "xorta m' hinix f' posizzjoni nghid jekk kienx izzarma wahdu jew le."[18]

Inoltre, jigi osservat li l-konvenuti ma ressqux provi sufficjenti in sostenn tal-allegazzjoni taghhom li l-crane kien f' kondizzjoni hazina. F' dan ir-rigward hija lampantament mankanti x-xhieda tal-haddiema tal-appaltatur Salvu Bezzina & Sons li eventwalment haddmu l-appalt in kwistjoni.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-ewwel talba attrici hija gustifikata u ghandha tigi milqugha, stante li ma rrizultat ebda raguni valida fil-ligi ghall-

---

[15] Fol.106
[16] Fol.61 – xhud prodott mill-konvenuti.
[17] Fol.61 *tergo*
[18] Fol.63

inadempjenza kontrattwali da parti tas-socjeta' konvenuta li ghalhekk ghandha tirrispondi ghad-danni konsegwenzjali ammontanti ghas-somma ta' Lm5,000.

In fine jigi osservat li l-attur nomine, fic-cirkostanzi li sab ruhhu fihom u in vista wkoll tal-pressjoni maghmula lilu mid-Direttur tal-Portijiet b' mod partikolari tenut kont tal-penali ingenti ta' Lm100 kulljum wara l-iskadenza tal-perijodu indikat fit-tender, kien pienament gustifikat, anke sabiex jimminimizza d-danni, li jinkariga appaltatur iehor sabiex jesegwixxi x-xogholijiet minghajr aktar dewmien. Inoltre, dan il-quantum tad-danni ma giex kontestat mill-konvenuti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti, u tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' hamest elef lira maltin [Lm5,000] in linea ta' danni sofferti minnu rizultat ta' l-inadempjenza kontrattwali tal-konvenuti nomine;  bl-ispejjez kollha a kariku tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------